MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru. 10/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**
**Vs**

**CARMEL CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL CAUCHI** ta' erbgha w hamsin sena bin John u Josephine nee Spiteri, imwieled Xewkija, Ghawdex nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 1949 u residenti 6, Triq San Pawl, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 60749G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2003 u fil-granet ta' qabel, f'Tal Palma, Mgarr Road, Qala, Ghawdex, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Minghajr l-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu dahal fil-proprjeta ta' Antonia Mercieca, Robert, Diana u Maria Teresa Spiteri f'Tal Palma, Mgarr Road, Qala, Ghawdex;
2. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi voluntarjament hassar u ghamel hsara fil-proprjeta ta' Antonia Mercieca, Robert, Diana u Maria Teresa Spiteri f'Tal Palma, Mgarr Road, Qala, Ghawdex, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira izda inqas minn hames mitt lira maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 a fol 4 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi tratta u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tlettax ta' Mejju 2004 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 7].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 **xehed Anthony Spiteri [fol 10]** fejn qal li hu w il-kugini tieghu ghandhom ghalqa maghrufa bhala Tal-Palma fil-Qala, Ghawdex, u darba fost l-ohrajn ra lill-imputat li wkoll huwa kugin tieghu jahdem l-ghalqa in kwistjoni minghajr il-permess tieghu jew tal-kugini tieghu. Spjega li proprjament hadem f'dik il-parti tal-ghalqa li tappartjeni lil Robert Spiteri li jghix Malta. F' Jannar l-imputat reghha dahal fl-ghalqa u qala l-prodott

li kien zergha u cioe patata. Huwa ppresenta pjanta li giet mmarkat bhala dokument LV, fejn fiha hemm indikat bil-kulur orangjo dik il-parti tal-ghalqa li tappartjeni lil kugini tieghu u parti ohra l-ahdar li originarjament kienet taz-zijiet taghhom u li kienu tawha bi qbiela lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi din il-parti tar-raba ndikata bil-kulur ahdar kienet tinhadem miz-zijiet tieghu li gew maqtula u wara bdiet tinhadem mill-imputat. Ix-xhud indika ukoll dik il-parti fejn l-imputat zergha l-patata bhala dik indikata bl-orangjo fuq il-pjanta esibita.

Kompla jelabora illi dik il-parti indikata bl-orangjo hija maqsuma f' erbgha bicciet u gejja mill-wirt ta’ nannuh u kull kugin ha parti minnha skond il-kuntratt ta’ divizjoni li sar in segwitu tal-mewt tan-nannu li giet mmarkata bhala dokument LV 1.

Illi l-imputat kien missu l-porzjon immarkat bin-numru wiehed [1] li tmiss mal-parti immarkata bl-ahdar fuq il-pjanta mmarkata dokument LV liema parti kien xtara permezz ta’ kuntratt mmarkat dokument LV 2. Ix-xhud kompla jelabora u qal illi meta l-imputat dahal fl-ghalqa f'Jannar, kien hemm il-qsami ta' bejniethom tal-kugini u qalaghhom kollha. Sabiex saru dawn il-qsami, il-kugini kienu nefqu l-fuq minn sittin lira. Qal ukoll illi fil-parti tieghu huwa kien pogga d-demel li kien swielu ghoxrin lira u li f'parti minnha kellu xi basal ghaz-zerriegha li kien jiswa mal-ghaxar liri u l-imputat haratlu kollox u b'hekk sofra tmenin lira f'danni.

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2004 **xehdet Maria Theresa Spiteri [fol 31]** fejn qalet li hija tigi ohra Anthony Spiteri ix-xhud precedenti kif ukoll kugina tal-imputat. Qalet li huma ghandhom raba l-Qala li jahdmuha maghrufa kemm bhala “Tal-Palma”, peress li fiha hemm palma kif wkoll bhala “Tal-Gebel l-Ahmar”. Qalet li l-imputat dahal fil-proprjeta taghhom billi tajjar qsami li kien hemm. Qalet li l-ewwel darba li kien dahal kien ghal habta ta' Novembru, 2003 w it-tieni darba kien ghal ahhar ta' Jannar, 2004 meta kellhom l-patata mizrugha u giet mahruta minnhom. Qalet li meta kien dahal f'Novembru, 2003 kien nehha parti mill-qsami u fit-tieni darba li dahal kompla tajjar li kien fadal.

Qalet li din r-raba hija maqsuma f'erbgha bicciet kif murija fid-dokument LV. Qalet li l-parti orangjo hija taghhom, gejja mill-wirt tan-nanniet, filwaqt li l-parti l-hadra hija tal-imputat u dik l-parti mmarkata bin-numru wiehed fl-ghalqa indikata bl-orangjo kienet tinhdem mill-imputat. Qalet li meta l-imputat xtara l-art tieghu fil-kuntratt tieghu hemm imnizzel li l-proprjeta tieghu tmiss ma dik ta' Francesco Spiteri, n-nannu taghhom. Dwar il-hsarat li soffrew ix-xhud qalet li l-imputat qabad u harat kollox, kisser iz-zkuk tal-bajtar kif ukoll kisser il-qsami li kien hemm bejn il-proprjetajiet.

Nhar l-ewwel ta' Lulju 2004 **regghet xehdet Maria Theresa Spiteri [fol 48]** u esebit numru ta' ricevuti in konnessjoni mal-pagamenti li ghamlu dwar il-qsim. Ir-ricevuta mmarkata bhala dokument MS 1, hija dwar il-qasma li saret fis-sena 1983, u t-tlett ricevuta l-ohra markati bhala MS 2, MS 3 u MS 4 huma dwar il-qasma li saret fis-sena 2002. Qalet li lil imputat ma rathux jahdem l-art in kwistjoni pero l-imputat kien ammetta maghha li kien hu li hadem l-art in kwistjoni **ghaliex fil-fehma tieghu dik l-art kienet proprjeta tieghu**.

**Antonia Mercieca xehdet fit-13 ta' Mejju, 2004 [fol 33]** fejn qalet li hija tigi l-kugina ta' Anthony Spiteri ta' Maria Theresa Spiteri kif ukoll tal-imputat. Qalet li hija flimkien mal-qraba taghha ghandha proprjeta` maghrufa bhala Tal-Palma, l-Qala li tinsab fi triq principali Triq Imgarr. Qalet li ftit taz-zmien qabel kien miet huha li kien ilu jahdem din l-art xi erbatax il-sena. Huha kien jahdem in-numru wiehed [1] u n-numru tnejn [2] mmarkati bl-orangjo fuq il-pjanta dokument LV. Qalet li l-parti numru wiehed [1] tinsab ghand il-kugini taghha li qeghdin Malta, u l-parti numru tnejn [2] ghand l-kugin taghha Anthony Spiteri. Qalet li l-imputat dahal fir-raba, l-ewwel harat l-area u cioe l-parti numru wiehed [1], u fl-ahhar ta' Jannar dahal fir-rimanenti u cioe fil-parti numru tnejn [2], tlieta [3] u erbgha [4]. Kompliet tghid li fil-process l-imputat qala l-qsami rimanenti fl-art li kien hemm. Biex tpoggew il-qsami fil-mument meta saret il-qasma bejn il-kuguini kienu hallsu lill-perit hamsa w sittin lira ghal dan ix-xoghol.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2004 **xehed PS 369 Joseph Mizzi [fol 36]** u esebixxa l-okkorrenza rigward dan il-kaz li giet immarkata bhala dokument PS1. Illi minn ezami ta’ dan id-dokument, jirrizulta li Maria Spiteri rraporrtatlu illi hija kienet giet mghotija parir mis-Supretendent Bayliss u Valletta biex taghmel dan ir-rapport li l-imputat kien qed jahdem l-art maghrufa bhala Tal-Palma, proprjeta` taghha u ta’ xi parentela taghha u sahansitra anki nehha l-qsami li kien hemm ghalkemm ma ratux jaghmel hekk. Il-Pulizija kienet baghtet ghall-imputat u a tempo vergine dan qalilhom quddiem l-istess Maria Teresa Spiteri li huwa ilu fil-pussess ta’ din l-ghalqa ghal dawn l-ahhar ebghin sena, u xi ghoxrin sena ilu r-raba giet mghoddija lilu minghand zijtu u li kien ilu jahdimha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. L-istess ufficjal li ha dan ir-rapport, PS 187 Mario Cassar, ikkonkluda; “it was pointed out to both parties that they had a purely civil dispute and the police did not help them to solve it except for lodging this report. Therefore they have to refer to their respective notaries and lawyers”.

**Robert Spiteri xehed fl-ewwel ta’ Lulju, 2004 [fol 43]** u kkonferma li hu ukoll flimkien ma hutu ghandhom bicca proprjeta raba f'Ghawdex fejn titla f'salib t-toroq lejn il-Qala, maghrufa bhala Tal-Palma jew Tal-Gebla l-Hamra li bhala kejl ghandha tlett mija hamsa w hamsin metri kwadri skond pjanta mahruga mir-Registru tal-Artijiet esibita a fol 11 tal-atti. Ix-xhud kkonferma li dik il-parti delineat fil-pjanta bin-numru wiehed [1] hija taghhom u li din kienet giet mixrija minn nannu patern tieghu. Qal li nannuh kien xtara l-erbgha plots indikati bin-numri wiehed [1], tnejn [2], tlieta [3] u erbgha [4]. Qal li z-zijiet tieghu kienu gew maqtula f'delitt doppju fil-Qala u kienet saret il-qasma tal-wirt u din l-art giet diviza f'erbgha porzjonijiet kif indikat fil-pjanta. Qal li l-familja ta' Guzepp Spiteri ghandhom il-porzjon numru wiehed [1] u li llum il-gurnata dan miet wkoll u ghalhekk din r-raba tappartjeni lilu u lil hutu. Qal li l-parti numru erbgha [4] tappartjeni lil kugini. Qal li jaf li l-parti numru wiehed [1] kien hemm gabillott u li din il-parti kienet tigi mahduma mill-kugin tieghu. Ikkonferma li l-imputat ghandu raba tmiss mal-proprjeta taghhom indikata bl-ahdar fuq il-pjanta esebita.

Ikkonferma ukoll illi ra lill-imputat jahdem r-raba taghhom numerata numru wiehed [1] mit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 2002 'l hawn. Ix-xhud kompla jghid li hu kien mar kellem lil avukat u kien ghamel kwerela fil-konfront tal-imputat u fil-fatt esibixxa l-istess kwerela li giet mmarkata bhala dokument TS [fol 45]. Qal li din l-ittra hija indirizzata lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiettiehdu passi kontra l-imputat. Qal li wara li kienet intbaghtet din il-kwerela, l-imputat mhux talli beda jokkupa l-art tieghu numru wiehed [1] izda sussegwentement beda jahdem wkoll l-art ta' ma gembha u cioe dawk bin-numri tnejn [2], tlieta [3] u erbgha [4] u dan kien f'Jannar 2003.

Ix-xhud qal li meta saret il-qasma effettiva meta mietu n-nanniet taghhom, huma kienu dahlu f'xi spejjes li kienu jikkonsistu fil-hlasijiet lil perit sabiex tinqasam r-raba f'erbgha porzjonjijiet. Qal li l-qsami li kienu saru mill-perit originarjament kienu tnehhew izda sussegwentement huma kienu regghu marru fuq il-post ma perit iehor u regghu ghamlu l-qsami mill-gdid. Ix-xhud ikkonferma illi l-imputat kien ammetta mieghu li kien hadem l-art tieghu izda qal ukoll illi dan kien ghamlu ghaliex **emmen illi l-art hija tieghu**. Huwa pero sostna illi l-art effettivament ma kienetx tal-imputat izda tieghu u ikkonferma li qatt ma kien ra lill-imputat jahdem r-raba hemmhekk.

Ili nhar l-ewwel ta' Lulju 2004 **xehdet Diane Spiteri [fol 47]** fejn qalet li Robert Spiteri jigi l-prim kugin taghha, missieru w ommha kienu ahwa. Qalet li huma ghandhom bicca art l-Qala maghrufa bhala Tal-Palma. Qalet li l-bicca raba li hi ghandha kienet wirtitha minghand ommha Carmela Sultana xebba Spiteri, meta mietet. Qalet li l-porzjon taghhom hija dik bin-numru erbgha [4], fuq il-pjanta esebita fejn hemm l-palma. Qalet li l-istess art ghadha f'idejha fis-sens ta' titolu izda saret taf li xi hadd beda jahdimha u dan tramite Maria Spiteri li qaltilha illi l-imputat kien beda jahdem l-art taghhom ghalkemm hi qatt ma ratu.
Illi nhar l-ewwel ta' Lulju 2004 **xehed Paul Spiteri [fol 53]** li kkonferma dak li qalet martu Diane u b'mod partikolari dak li qaltlu Maria Spiteri li l-imputat kien qed jahdem il-porzjon tar-raba numru wiehed [1] fuq il-pjanta esibita li

tmiss mal-proprjeta tieghu u delineata bil-kulur ahdar. Qal li huma marru ghand l-avukat f'Malta u din kitbet ittra lil Pulizija u sahansitra fethet kawza civili kontra l-imputat.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novemrbru 2004 **xehed l-imputat [fol 73]** fejn qal li hu la jaf jaqra u lanqas jikteb. Qal li hu ghamel xi zmien jghix l-Awstralja pero fis-sena 1982 kien gie Ghawdex ghal btala. Qal li Rosaria Spiteri kienet marret ghandhom biex iccedi l-qbiela tal-art li kellha lil missieru jigifieri l-qbiela tal-plottijiet numru wiehed [1], tnejn [2], tlieta [3] u erbgha [4] indikati fil-pjanta esebita. Qal li r-raba in kwistjoni baqghet tinhadem minn missieru mis-sena 1978 sakemm miet u li meta miet missieru, saret d-denunzja regolari u din l-art giet denunzjata fid-DD 1. Ix-xhud ippresenta d-denunzja redatta minn Nutar Pisani rigwardanti din l-art li giet delineata bl-ahdar. Qal wkoll li fuq in-naha l-ohra ta' fejn ghandhom l-kwistjoni kien hemm wied li ghadu hemmhekk sa llum. Qal li r-raba jinsab irregistrat f'isem persuni. Qal li hu mar ghand n-Nutar Pisani u talbu jaghmel xi ricerki fejn finalment irrizulta li r-raba kollu kien tieghu. Spjega ukoll illi sar jaf li Maria Theresa kienet baghtet ittra lil Pulizija dwar il-fatt li huwa kien qed jahdem l-art mertu tal-kawza u li l-Pulizija sussegwentement baghtet ghalih u li fil-presenza taghha u tas-Surgent tal-Pulizija, kien qallha illi l-art kienet kollha tieghu u li sahansitra kellu kuntratt biex jipprova dan. Qal li qabel ma kien mar l-Ghassa, fl-art in kwistjoni, li kienet parti zghira, kien hemm l-art mahruta u kien hemm il-patata li ma kienx zergha hu. Ix-xhud qal li hu kien staqsa lil Maria Theresa Spiteri jekk kienetx hi li zerghet u hi ma kienetx taghtu risposta ta' xejn u qalilha biex tmur tnehhiha. Meta mar jaraha kien sab li ma kienetx ghadha hemmhekk. L-imputat qal li hu jahdem il-plots numru wiehed [1], tnejn [2], tlieta [3] u erbgha [4] kif wkoll l-art delineata bl-ahdar fuq il-pjanta esebita. Qal li r-ragel imsemmi fil-kuntratt kien missier Rosaria Spiteri.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novemrbru 2004 **xehed n-Nutar Pierre Falzon [fol 76]** fejn qal li lil imputat jafu peress li kien mar l-ufficju tieghu biex jghamillu xi ricerki fuq il-familja tieghu. Qal li l-art in kwistjoni kienet fuq in-

naha tal-Qala u li kien dam xi xahrejn jew tlieta biex jaghmel r-ricerki rikjesti. Qal li xi sentejn ilu kien tela' Ghawdex minhabba din l-kwistjoni. Ix-xhud qal li l-art fuq il-pjanta esibita fl-atti, redatta mill-Perit Gwido Vella, lilu kien irrizultalu li kienet tal-imputat u kien qal b'dan lil istess imputat u kien talbu sabiex jakkumpanjah fuq il-post biex jaraw il-konfigurazzjoni tal-art u certi hjiel biex hu jinduna fejn hi l-art in kwistjoni. Fil-fatt, meta mar hemm bil-kuntratti f'idejh, huwa kien tal-opinjoni illi l-proprjeta` indikata fil-pjanta kienet tappartjeni lill-imputat u fil-fatt ikkonferma li qal dan lill-imputat.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 **xehed n-Nutar Paul Pisani [fol 79]** fejn qal li hu kien jaf lil Guzeppa Cauchi mix-Xewkija, pero la kien jaf jekk hiex hajja u lanqas jekk l-imputat hux binha jew le. Qal li hu kien ghamel d-denunzja ta' zewgha John Cauchi u esibixxa kopja tad-denunzja li giet mmarkata bhala dokument BP [fol 80]. Illi mid-denunzja esebita dokument BP jirrizulta li verament giet denunzjata l-art maghrufa bhala Tal-Palma sive Tal-Gebel l-Ahmar, meta miet missier l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti thoss illi l-Pulizija ghandha d-dover u l-obbligu li tinvestiga kull rapport kriminali li jsir fil-konfront ta' terz qabel ma jigu ppresentati akkuzi l-Qorti. L-Qorti ma tistax ma ticcensurax lill-Pulizija Esekuttiva li minflok ma tesamina kaz sabiex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha ghall-inqas prima facie biex tipprocedi kriminalment, hija taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi esercitata pressjoni fuq dak li jkun biex jesegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt, l-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha, ma jkunux juru li verament hemm kaz ta' reat. Illi dan id-dmir tal-Pulizija li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru u li tigbor l-provi u li ggib il-hatjin quddiem l-awtorita` gudizzjarja huwa naxxenti mill-artikolu 346 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Pulizija ma tistax taqbad u tressaq il-Qorti il-persuni kollha li jigu indikati lilha mill-avukati fil-

kwereli li jigu mibghuta lilha.  Il-Pulizija m'hiex rubber stamp tal-avukat u ghandha d-dmir li tinvestiga kull rapport li jsri lilha b'mod dettaljat sabiex b'hekk l-ebda persuna innnocenti ma titressaq il-Qorti.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-Pulizija mill-bidu nett indunat illi din kienet kwistjoni civili kif tajjeb osservat is-Surgent 187 fl-okkorrenza esebita.  Pero' ghal xi raguni jew ohra l-imputat tressaq il-Qorti u gie akkuzat bl-akkuzi odjerni.  Il-Qorti tarha daqsxejn stramba ukoll, kif fost diversi xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, ma ressqitx lil PS 187 jixhed sabiex jikkonferma l-okkorrenza tieghu u jelabora dwarha.

Illi pero jirrizulta mix-xhieda prodotta illi l-imputat sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni, ddikjara illi verament kien qed jahdem ir-raba in kwistjoni pero dan taht it-twemmin illi tali raba tappartjeni lilu u ghalhekk zgur mhux taht il-kredenza li dak li kien qed jaghmel, kien qed jigi esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor u zgur lanqas li kien qed jagixxi bil-kuxjenza li kien qed jaghmel "di privato braccio" messu sar permezz tal-awtorita` pubblika.  Lanqas ma jirrizulta illi l-imputat kellu intenzjoni li jaghmel xi hsara fil-proprjeta` ta' terzi, ghaliex semmai jekk verament ghamel hsara, dan huwa ghamlu bl-intendiment li kien qed isir fil-proprjeta` tieghu u ghalhekk l-elementi rikjesti ghall-esistenza tar-reat ta' hsara volontarja zgur li kienu monki sa mill-bidu nett tal-proceduri.

Illi l-imputat stqarr li r-raba in kwistjoni hija tieghu, fl-ewwel opportunita` li kellu u cioe` meta baght ghalih is-Surgent, wara li rcieva r-rapport ta' Maria Spiteri.  Illi dan it-twemmin tieghu gie konfermat minnu stess viva voce l-Qorti.  In-Nutar Pierre Falzon ukoll ikkonferma li kien hu li qal lill-imputat illi l-art mertu tal-kawza hija tieghu.  In-Nutar Paul Pisani ikkonferma illi l-art giet denunzjata fil-wirt ta' missier l-imputat.

Illi din il-Qorti hija tal-fehema illi l-kwistjoni in desamina hija wahda purament civili u titratta biss fuq titolu ta' proprjeta` u ghalhekk din il-kawza qatt ma messha giet istitwita.

**Ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li mhux qed ssib lil imputat CARMEL CAUCHI hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------